MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru. 911/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**VS**
**IMPUTAT 1**
**IMPUTAT 2**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati:

Imputat 1 ta’ omissis sena, iben omissis, mwieled omissis u residenti omissis, detentur tal-karta ta’ l-identita numru omissis;

U Imputat 2 ta’ omissis sena iben omissis, mwieled omissis u residenti omissis, detentur tal-karta ta’ l-identita numru omissis

Illi huma akkuzati talli fix-xhur ta’ Lulju w Awwissu tas-sena 2009 gewwa Marsascala;

1. B’eghmil zieni kkorompew persuni ta’ taht l-eta` cioe` lil Xebba 1 w Xebba 2;

2. Offendew l-pudur jew il-morali, b’eghmil li jsir f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.54) taht liema Artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl- imputati;

Rat il-verbal tal-24 t’April 2012 fejn l-imputati ma sabux ogezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Semghet l-amissjoni ta’ l-imputati registrata fil-24 t’April 2012;

Semghet il-konferma ta’ l-istess amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragenoveli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda loghob spint mill-imputati fuq it-tfajliet il-minuri Xebba 1 Xebba 2  fuq il-linji ta'*spin the bottle* fejn il-*forfeit* jew il-kastigi kienu illi il-partecipanti li bdew bil-bews, komplew bl-esponar tas-sider u  spiccaw billi jipprattikaw sess orali fuq is-subien.  Illi mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm vjolenza, theddid jew qerq biex jitweqqu dawn il-*forfeits* izda kien hemm ammont ta'*peer pressure* li t-tfajliet fl-eta ta' tlettax u t' erbghatax –il sena ma kienux kapaci jghelbu. Illi dawn l-azzjonijiet saru fil-*football ground* ta'Marsascala , li huwa post pubbliku.

Illi l-imputati fid-data tal-allegat reat kienu ghadhom minorenni huma stess, ghamlu ammisjoni piena ta' dan kollu.

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti issib lil-imputati **Imputat 1u Imputat 2**  hatja skond l-akkuza minghajr l-aggravju tat-theddid jew qerq u wara li  rat l-Artikoli 17, 37, 203(1), 209, 412C, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputati Imputat 1 u imputat 2 taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tlett snin (3), taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

In oltre il-Qorti tordna il-hrug ta'*Protection Order* ghal perjodu ta' tlett snin (3)  kontra l-imputati u favor il-minuri Xebba 1 u Xebba 2, bil-kundizzjoni illi l-imputati ma jkellmux,ma javvicinawx,  ma jimmolestawx lil dawn iz-zewg minuri u dan wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni Artikolu 412C (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti tordna lil *Probation Officer* jirraporta bil-miktub lil Qorti kull erba xhur (4), dwar il-progress o meno tal-imputati.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija ta’ l-imputati, il-fatt illi kienu minorenni fid-data tal-akkuza, u il-fatt illi sfortunatament il-*peer pressure* fuq iz-zghazagh hi ta’pika dwar min l-aktar ser igib ruhu hazin u mhux ta’min ser ikun gentlom.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------